**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 279/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat** 28 ta' Awwissu 2020, fejn ppermettiet u pprezentat s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu nhar l- 14 ta' Ottubru 2012, gol-Knisja ta' San Mark ir-Rabat, u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-esponenti isseparat legalment minn ma zewgha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rueben Debono datat 16 ta' Marzu 2016 (hawn anness u mmarkat Dok. B);
3. Illi minn daz-zwieg, ma kellhomx tfal;
4. Illi peress illi ma hemmx prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga' dikjarat legalment separati, b' separazzjoni legali u issa ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-seperazzjoni de facto;
5. Illi dwar manteniment l-esponenti, kif ukoll martu kienu rrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti, qed tigi umilment mitluba sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-registraur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**IL-Qorti rat ir-risposta tal-konvenut**, datata 23 ta' Settembru 2020, fejn espona;

1. Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet zzewwgu gol-Knisja ta' San Mark, ir-Rabat, nhar l- 14 ta' Ottubru 2012 u li minn daz-zwieg il-partijiet, ma kellhomx tfal.

2.Illi l-esponenti jikkonferma illi permezz ta 'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr. Rueben Debono datat 16 ta' Marzu 2016, huwa issepara minn ma' AB;

3. L-esponenti ukoll jikkonferma li ghal dak li ghandu x' jaqsam ma' manteniment, l-partijiet rrinunzjaw ghad-dritt taghhom ghall-manteniment,

4. Illi l-esponenti jikkonferma illi ma hemmx prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghalhekk qed jaqbel mat-talba tal-attrici u dan biex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**